MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 34/2006

**L-Avukat Dottor Rachel Loporto Montebello bhala mandatarja specjali ta` l-assenti Francis Grixti maghruf bhala Francis Montanaro**

**vs**

**L-awtorita` ta` Malta dwar Ambjent u l-Ippjanar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fit-18 ta` Mejju, 2006, li in forza taghha r-rikorrenti nomine wara li ppremettiet illi:

1. L-principal ta` l-esponenti huwa l-proprjetarju tal-blokk appartamenti sitwat gewwa 15A, Wilga Street, Paceville;

2. Fl-24 ta` Frar, 1988, inhareg permess ghall-izvilupp tal-fond fuq imsemmi, specifikatament ghall-bini ta` *basement*, hanut fil-pjan terran u appartamenti sovrastanti mibnijin fuq erba` (4) sulari, u dan a tenur tal-permess PAPB1276/87, li kopja tieghu tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A;

3. Effettivament, il-fond in kwistjoni gie mibni fuq hames (5) sulari b`washroom sovrastanti u sussegwentement, il-principal ta` l-esponenti applika ma` l-Awtorita` intimata sabiex jissanzjona l-kostruzzjoni tas-sular addizjonali, cioe` tal-hames sular, liema applikazzjoni giet rifjutata mill-Kummissarju ghall-Kontroll ta` l-Izvilupp wara rikonsiderazzjoni, stante illi s-sular mertu ta` l-applikazzjoni in kwistjoni allegatament jeccedi l-gholi massimu stabbilit ghaz-zona in kwistjoni skond it-Temporary Provisions Schemes applikabbli ghaz-zona in kwistjoni, u kien gie dikjarat illi ghalhekk, l-approvazzjoni ta` l-applikazzjoni kienet tkun prematura billi din setghet tikkomprometti l-possibilita` illi l-Awtorita` intimata tirrevedi tali skemi tramite l-process tal-pjan lokali;

4. Il-principal ta` l-esponenti appella minn dan ir-rifjut ta` l-Awtorita` intimata lill-Bord ta` l-Appelli dwar l-Ippjanar fl-4 ta` Novembru, 2003, fejn issottometta, *inter alia*, bhala l-bazi ta` l-appell tieghu, illi hemm zviluppi simili fuq in-naha l-ohra ta` l-istess Triq Wilga, Paceville, illi huma ta` l-istess gholi bhal l-izvilupp mertu ta` dan ir-rikors;

5. Nonostante l-fatt illi fit-trattazzjoni ta` l-appell quddiem il-Bord ta` l-Appelli dwar l-Ippjanar, il-principal ta` l-esponenti ghamel referenza ghal diversi zviluppi ohra fl-inhawi tas-sit in kwistjoni, illi jeccedu l-gholi massimu kif stabbilit fit-Temporary Provisions Schemes ghaz-zona ta` Paceville, u nonostante wkoll illi jirrizulta oggettivament u b`mod car illi effettivament, jezistu *commitment* favorevoli ghall-applikazzjoni sottomessa ghas-sanzjoni tal-bini tal-hames sular fis-sit in kwistjoni, liema *commitment* kellu jimmilita favur l-applikazzjoni *de quo* a tenur tal-policy maghruf bhala “Interim Review of Building Heights Pending Local Plan Completion”, jew PLP10, il-Bord ta` l-Appelli dwar l-Ippjanar cahad l-imsemmi appell permezz

ta` Sentenza moghtija fit-2 ta` Frar, 2005, li kopja taghha qed tigi hawn annessa, esebia u mmarkata bhala Dok. B, fejn irritjena illi:-

*"… a tenur ta` dan il-policy, il-Bord huwa tenut illi jimmodifika l-gholi massimu f`dan il-kaz jekk jinsab konvint illi l-ghoti ta` numru ta` permessi ta` zvilupp wassal sabiex effettivament jinbidel il-policy ta` l-gholi massimu ta` erba` sulari ghal din it-triq partikolari … Il-Bord … ma huwiex konvint abbazi tal-provi prodotti illi jezistu cirkostanzi abbazi tal-policy PLP10 li jistghu jinducu lil dan il-Bord illi jimmodifika r-regola ta` l-gholi massimu ta` erba` sulari ta` Wilga Street, kif stabbilit a tenur tat-Temporary Provisions Schemes. Il-Bord jidhirlu illi jkun aktar ghaqli illi kwalunkwe tibdil ghall-gholi massimu, semmai ghandu jigi indirizzat fil-process tat-tfassil tal-pjan lokali ghall-lokalita` ta` Paceville. Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi prezenti, il-Bord jikkonkludi illi l-proposta hija prematura u ma tistax tintlaqa`".*

6. B`danakollu, kif jista` jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors, jidher illi effettivament, u kuntrarjament ghal dak ritenut mill-Bord ta` l-Appelli dwar l-Ippjanar, kif fuq premess, jezistu diversi zviluppi ohra fil-lokalita` tas-sit in kwistjoni konsistenti f`hames sulari u aktar, illi huma koperti bil-permessi necessarji u ghalhekk, il-fatt illi l-principal ta` l-esponenti gie rifjutat permess mill-Awtorita` intimata illi jissanzjona l-hames sular mibni fil-proprjeta` tieghu fl-istess inhawi in kwistjoni, jammonta ghal trattament diskriminatorju u kwindi ghal ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti fil-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u dan stante illi fil-kunsiderazzjoni ta` l-applikazzjoni tieghu kif fuq premess, l-Awtorita` intimata cahdet, minghajr gustifikazzjoni oggettiv jew ragjonevoli, lill-principal ta` l-esponenti it-trattament ugwali li diga` kien inghata f`kazijiet ohra analogi jew relattivament simili;

7. B`danakollu, l-Awtorita` intimata pprocediet billi harget Avviz ta` Waqfien u Twettiq fil-konfront tal-principal ta` l-appellanti in konnessjoni mal-bini tal-hames sular fil-proprjeta` tieghu, skond kif jista` jirrizulta mill-avviz li kopja

tieghu tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. C;

8. Id-dispozizzjonijiet ta` l-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta` Malta, illi jillimitaw id-dritt ta` appell mis-sentenzi tal-Bord ta` l-Appelli dwar l-Ippjanar ghal punti ta` Ligi dibattuti fis-sentenza relattiva, jipprekludu lill-principal ta` l-esponenti milli jintavola appell fuq konstatazzjonijiet ta` fatt maghmula mill-istess Bord fis-sentenza fuq imsemmija;

9. Ulterjorment, u minghajr pregudizzju ghall-premess, permezz tar-rifjut ta` l-Awtorita` intimata illi tilqa` fic-cirkustanzi fuq dettaljati, l-applikazzjoni minnu maghmula, il-principal ta` l-esponenti qed jigi wkoll imcahhad mid-dritt illi jgawdi l-proprjeta` tieghu, kif sancit mid-dispozizzjonijiet ta` l-Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Talbu lill-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-agir ta` l-Awtorita` intimata illi rrifjutat permess lill-principal ta` l-esponenti sabiex jissanzjona l-bini tas-sular addizzjonali u *washroom* fil-blokk sitwat gewwa 15A, Wilga Street, Paceville, jikser id-drittijiet fundamentali tieghu, kif sancit fid-dispozizzjonijiet ta` l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll l-Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protocol ta` l-imsemmija Konvenzjoni;

2. Taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u taghti dawk id-direttivi kollha li tqis xierqa, sabiex jitwettqu u jitharsu d-drittijiet fondamentali tal-principal ta` l-esponenti, kompriz l-ordni sabiex jinhareg il-permess relattiv favur l-istess principal ta` l-esponenti, kif ukoll il-hlas tad-danni minnu sofferti bhala konsegwenza ta` l-agir ta` l-intimati kif fuq premess.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` intimata li in forza taghha eccepiet illi:

1. Preliminarjament, ir-rikors interpost mir-rikorrenti nomine huwa null u ghandu jigi michud stante li l-istess rikorrenti nomine ma ezawritx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghaliha kif sancit mill-Kostituzzjoni ta` Malta;

2. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rikors taghha, ir-rikorrenti nomine ma ssemmi l-ebda kaz specifiku li skond hi turi l-mod diskriminatorju li biha mxiet l-Awtorita` intimata fil-konfront tal-principal taghha, u ghaldaqstant, rigward il-mertu, l-Awtorita` intimata minn issa tirriserva d-dritt illi twiegeb ghall-lanjanzi ta` l-istess rikorrenti nomine fi stadju ulterjuri meta l-istess rikorrenti nomine ggib a konjizzjoni ta` l-istess, il-fatti u c-cirkostanzi li fuqhom hija bbazat ir-rikors taghha;

3. Jigi daqstant iehor ribadit il-punt illi l-Awtorita` intimata, fid-decizjoni taghha ghall-applikazzjoni tal-principal tar-rikorrenti quddiem l-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, segwiet il-ligi u d-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, u ghaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti nomine f`dan il-kuntest ghandhom daqstant iehor jigu michuda u respinti bl-ispejjez.

4. In vista tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti nomine.

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f`din il-kawza l-attur qed jallega diskriminazzjoni in vista tal-fatt li talba li hu ghamel sabiex jissanzjona bini ta` sular addizzjonali u washroom fi blokk sitwat f`Wilga Street, Paceville, giet michuda, fil-waqt li talba simili minn zewg persuni ohra li wkoll ghandhom bini fl-istess inhawi kienet giet milqugha.

Fil-kuntest ta' deskriminazzjoni hu risaput illi dak li jrid jigi ppruvat huwa illi l-allegat trattament kien differenti minn dak li nghata lil persuni ohra li kienu ta' l-istess deskrizzjoni taghhom. Il-paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta' diskriminazzjoni *"timporta zewg elementi, u cioe', li l-lanjant ma giex ittrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (in pari conditione) gie jew kien gie ttrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi ma giex. Fi kliem iehor irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta' cirkostanzi pari"* – "Galea noe vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Jannar, 1990.

Il-kriterji biex tirnexxi azzjoni bazata fuq deskriminazzjoni kienu gew ampiament diskussi mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Vassallo et vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza fis-16 ta' Awissu, 1976, fejn dik l-Onorabbli Qorti esprimiet ruhha fit-termini segwenti:

*"Il-principju tan-non-diskriminazzjoni hu ovvjament wiehed mill-pilastri tas-sistema kollu tal-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali u jillumeggja dak l-aspett tar-rule of law li jipproklama l-ugwaljanza tac-cittadini kollha quddiem il-ligi. Kif esprima ruhu Gerhard Muller, President tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tar-Repubblika Federali tal-Germanja: "it is through this very principle of equality which prohibits any arbitrary procedure and is closely related to the principle of justice itself, that the whole system of fundamental rights is given its finishing touch…". Qabel xejn, pero', ghandu jigi nnotat li mhux kull differenzazzjoni jew dizugwaljanza ta' trattament hi per se diskriminazzjoni entro l-projbizzjoni ta' l-imsemmi artikolu 46 (illum 45). Din il-projbizzjoni, fiha nfisha ovvja*

*u indubitabbli, giet fil-fatt ikkunsidrata mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-dawl tad-differenza testwali fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem fejn fit-test Franciz hemm uzati l-kliem 'sans distinition aucune' u fit-test Ingliz 'without discrimination', u dak it-tribunal internazzjonali qal hekk: "In spite of the very general wording of the French version … Article 14 does not forbid every difference in treatment in the exercise of the rights and freedoms recognised … This version must be read in the light of the more restrictive text of the English version … In addition, and in particular, one would reach absurd results were one to give Article 14 an interpretation as wide as that which the French version seems to imply. One would, in effect, be led to judge as contrary to the Convention every one of the many legal and administrative provisions which do not secure to everyone complete equality of treatment in the enjoyment of the rights and freedom recognised. The competent national authorities are frequently confronted with situations and problems which, on account of differences inherent therein, call for different legal solutions; moreover certain legal inequalities tend only to correct factual inequalities. The extensive interpretation mentioned above cannot consequently be accepted …". Dan hu konformi ma' l-interpretazzjoni ta' diskriminazzjoni moghtija anke minn diversi tribunali nazzjonali li cioe' l-kuncett ta' l-ugwaljanza ta' trattament ma jistax jigi intiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat mic-cirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qieghda tigi ezaminata … Differenzjazzjoni pero' biex tkun legittima trid tirpoza fuq bazi objettiva u ragonevoli, tenut kont ta' l-ghan u l-effetti tal-mizuri in ezami, u jrid ikun hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat".*

Dan l-insenjament jidher li gie segwit – b'varjazzjonijiet zghar li aktar jirriflettu l-fatt *ispecie* tal-kaz li jkun milli xi spostament ta' principju – f'diversi kawzi fosthom "Il-Pulizija vs Muscat", deciza minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Lulju, 1989, "Borg noe vs Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura et", deciza wkoll minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-2 ta' Mejju, 1984,

“Cacopardo vs Ministru tax-Xogholijiet et”, deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta’ Frar, 1987, “Debono Grech vs Mizzi et noe”, deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta’ Frar, 1999, u “Agrimalt Ltd vs Awtorita’ tal-Ippjanar”, deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta’ Jannar, 2004.

Fuq dan l-istess aspett, l-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “Sultana vs Seg. Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru”, deciza fil-31 ta` Mejju, 1999, osservat:

*“li illum pacifiku illi hemm diskrinazzjoni meta 1] kazijiet ugwali jew persuni f`sitwazzjonijiet ugwali 2] jigu trattati b`mod differenti inkluz permezz ta` imposizzjoni ta` inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta` privileggi jew vantagg, 3] meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti, tali bazi obiettiva u ragonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti jkun attribwibli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post ta` l-origini, l-opinjonijiet politici, eccetrera tal-persuni jew 4] jekk ma jkunx hemm rapport ragonevoli ta` proporzjonalita` bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat [ara il-Pulizija vs Dr. Joseph Muscat Prim`Awla sede Kostituzzjonali – 28 ta` Lulju, 1989, Avukat Dr. Tonio Borg noe vs Ministru tal-Affarijiet Barranin u Kultura et – Prim Awla sede Konstituzzjonali – 2 ta` Mejju, 1984, Carmel Coccopardo vs Ministeru tax-Xogholijiet et – Qorti Kostituzzjonali 20 ta` Frar, 1987 u bosta ohrajn. Ir-rikorrent mhux rikjest li jipprova r-raguni li mmotivat dik id-diskriminazzjoni imma huwa obbligat li jipprova l-fatt tal-diskriminazzjoni. Jekk imbaghad tali fatt jirrizulta ikun jispetta lil Gvern li juri li dak l-agir kien fic-cirkostanzi gustifikat”.*

Ghalhekk, ikun hemm deskriminazzjoni meta l-kazijiet ugwali jew persuni f`sitwazzjoni ugwali jigu trattati b`mod differenti u ma jkunx hemm bazi oggettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti.

Issa, f`dan il-kaz, ma jirrizultax li l-Awtorita` intimata agixxiet b`xi mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent.

Fil-fatt, jirrizulta li kien hemm diversi persuni li ippruvaw jissanzjonaw sular zejjed li nbena f`fond fl-istess inhawi, jew talbu l-permess jibnu dan is-sular zejjed, u l-applikazzjonijiet gew kollha michuda mill-Awtorita` tal-Ippjanar. Fiz-zewg kazijiet li, fil-fatt, hareg il-permess, dan ma sarx mill-Awtorita` intimata. L-ewwel approvazzjoni saret fi Frar, 1987 mill-Planning Area Permits Board (PB 4128/85), li kienet l-awtorita` precessuri tal-Awtorita` intimata, u li ghal ghemil taghha l-Awtorita` intimata ma tirrispondhiex (ara “Mifsud vs Direttur tat-Toroq et”, deciza minn din il-Qorti fl-14 ta` Novembru, 1997, u “Sammut vs L-Awtorita` tal-Ippjanar”, deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta` Frar, 2003).

Fit-tieni kaz, it-talba ghal bini ta` sular iehor kienet giet michuda mill-Awtorita` (PA3600/94), pero`, wara appell li sar mill-applikant, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, b`decizjoni tas-16 ta` Gunju, 1999, hassar ir-rifjut relattiv u ordna l-hrug tal-permess. Hu maghruf li l-Bord tal-Appell huwa entita` separata u distinta mill-Awtorita` intimata, u ma jistax jinghad li, ghax il-Bord tal-Appell ordna l-hrug ta` permess f`kaz wiehed, l-Awtorita` agixxiet b`mod hazin meta, f`kazijiet ohra, insistiet li ma tohrog il-permess relattiv. Dan qed jinghad ghax apparti l-kaz tar-rikorrenti, u z-zewg kazijiet aktar qabel imsemmija, kien hemm diversi kazijiet ohra simili fejn l-applikazzjonijiet gew michuda; f`kull kaz, tressaq appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u r-rifjut tal-permess kien gie konfermat. Fil-fatt, anke r-rikorrent kien appella quddiem il-Bord tal-Appell, u t-talba tieghu giet ukoll michuda. Ghalhekk, jirrizulta li fil-waqt li l-Awtorita` intimata kienet dejjem konsistenti fir-rifjut tal-permess, kien il-Bord tal-Appell li, f`okkazzjoni wahda, accetta li jinhareg il-permess.

Il-fatt li l-Bord tal-Appell, kif kompost fis-16 ta` Gunju, 1999, ordna l-hrug tal-permess, fil-waqt li l-istess Bord, kif kompost, per ezempju, fit-18 ta` Gunju, 1999, fl-10 ta` Marzu, 2004 , fil-5 ta` Ottubru, 2007 u ghal kaz tar-rikorrent, fit-2 ta` Frar, 2005 u fid-9 ta` Settembru, 1997 irrifjuta li johrog il-permess relattiv, ma jfissirx li l-Bord agixxa b`mod diskriminatorju, izda li kien hemm nuqqas

ta` qbil dwar l-interpretazzjoni tal-policies li jirregolaw l-inhawi. Ma gie allegat ebda *bias* fil-konfrot ta` xi ufficcjal tal-Bord tal-Appell jew tal-Awtorita` intimata, u n-nuqqas ta` qbil dwar interpretazzjoni ta` xi regolament ma jwassalx ghal agir diskriminatorju.

Inoltre, f`dan il-kaz, hija l-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar li qed tigi attakkata u mhux xi membru tal-Bord tal-Appell. Da parti tal-Awtorita`, hija baqghet tirrifjuta l-permess, u allavolja kellha decizjoni wahda li tghid li l-permess kellu johrog, kellha kull dritt tikkontesta dik id-decizjoni fi proceduri ohra li jinqalghu, specjalment meta biss jumejn wara li l-Bord tal-Appell ordna l-hrug tal-permess f`kaz, l-istess Bord tal-Appell, kompost b`mod differenti, cahad talba simili.

Ma giex muri li r-rikorrent gie trattat differenti minn ohrajn f`sitwazzjoni simili. Hu qed jibbaza l-kaz tieghu fuq decizjoni li kienet ittiehdet hafna snin ilu minn organu differenti, u fuq decizjoni wahda moghtija mill-Bord tal-Appell, decizjoni li baqghet *una rondine*! Ma jirrizultax li d-decizjoni favorevoli li ta` l-Bord tal-Appell ma kienetx giet ikkunsidrata kemm mill-Awtorita` intimata u mill-Bord tal-Appell kif kompost ghall-fini tal-kaz tar-rikorrenti, u l-fatt li dawn ma qablux ma` dik id-decizjoni wahdanija ma jfissirx li d-decizjoni taghhom hija hazina. Il-policies li jirregolaw l-izvilupp fl-inhawi huma ben cari f`dak li jiddisponu; li gara hu li, f`okkazzjoni wahda, il-Bord tal-Appell ra *“commitment”* favorevoli ghall-applikazzjoni, fid-dawl tal-izvilupp li kien qed isir fl-inhawi, fil-waqt li l-Awtorita` u l-istess Bord tal-Appell f`diversi okkazzjonijiet ohra, ma sabux li kien jezisti dan il-*“commitment”*. Din hi kwistjoni ta` fatt, u la ma giex muri agir qarrieqi jew preferenzjali, differenzi fl-analizi tac-cirkostanzi ma jistghux iwasslu ghal diskriminazzjoni (ara bhala rifless fuq dan il-kawza “Aquilina vs Chairman tal-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et”, deciza minn din il-Qorti fis-6 ta` Ottubru, 2006).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors prezenti billi tichad l-istess, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------